Kunsill Lokali Marsaskala
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel:21637171, Fax: 21637744
Email: marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-Laqgħa Pubblika li nżammet fis-Sensi Hotel nhar **il-Ġimgħa 11 ta' Mejju 2012 fis-7.15p.m.**

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur John B. Camilleri<br>Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Carmen Fearne |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skużati | Is-Sur Jesmond Mugliett |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Claudine Fenech<br>Is-Sinjura Lucille Bonnici |
| Membri tal-Pubbliku Registrati | 24 |

## ***Aġenda***

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Rapport Amministrattiv għas-sena 2011
3. Rendikont Finanzjarju għas-sena li tintemm fil-31 ta' Diċembru 2011
4. Pjan t'Attivita` għas-sena 2012
5. Ilmenti u Suġġerimenti

Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Josef Grech

Is-Sindku beda l-laqgħa pubblika billi rringrazzja lin-nies preżenti ta' l-attendenza tagħhom. Huwa kompla billi rringrazzja lill-Kunsilliera, lis-Segretarju Eżekuttiv, l-Iskrivani u l-ħaddiema tal-IPSL għax-xogħol impenjattiv li wettqu matul is-sena 2011. Huwa qal li din is-sena minflok kien se jaqra r-rapport amministrattiv, kien ser jagħmel *brief* tiegħu ħalli jkun hemm parteċipazzjoni mir-residenti preżenti.

Is-Sindku qal li fuq suġġeriment mill-laqgħa annwali tas-sena l-oħra, s-Segretarju Eżekuttiv nieda rapport amministrattiv bl-Ingliż, sabiex residenti barranin ikunu jistgħu jsegwu u jaqraw il-ħidma tal-Kunsilliera.

Is-Sindku nforma lir-residenti li l-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett kien skużat u peress li l-*Accountant* kien mistieden sabiex jispjega r-rendikont finanzjarju għas-sena li tintemm fil-31 ta' Diċembru 2011, hu qal li l-*accounts* mhux ser jiġu spjegati għaliex l-*Accountant* ġie rikoverat l-isptar u għaldaqstant ma setax ikun preżenti. Huwa kompla jgħid li kull min ikollu mistoqsija fuq l-*accounts* għandu jħalli l-*email* tiegħu u wara tintbagħat risposta.

1.0 ***Qari tal-Minuti:***

Is-Sindku qara l-minuti tal-laqgħa pubblika li saret fit-18 ta' Marzu 2011 fid-Drift Wood restorant Triq De Rohan Marsaskala.

Is-Sur Rio Sammut qal li l-mollijiet għadhom ma ġewx irranġanti. Huwa kompla jgħid li jifhem li fix-xitwa ma jsirx xogħol minħabba l-maltemp u fis-sajf minħabba li jkun hemm in-nies, pero` dawn il-mollijiet għandhom jissewwew.

Is-Sindku wieġbu illi domna tlett xhur nitolbu lit-TM sabiex jiġu rranġati wara l-maltemp li sar fejn anke partijiet mill-moll sfrondaw u fl-aħħar ingħatajna permess mit-TM fejn anke il-moll li kien jintuża min-nies bi bżonnijiet speċjali inqala u sal-bieraħ stess tneħħa l-akkumulu ta' materjal sabiex ikun jista` jissewwa mid-Diviżjoni tax-xogħolijiet.

Il-minuti ġew ipproponuti bħala dokument korrett mis-Sur Michael Delia u ssekondati mis-Sur Rio Sammut.

Wara l-minuti ġew approvati, s-Sindku u s-Segretarju iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

2.0 ***Rapport Amministrattiv 1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2011:***

Kif ġie spjegat iktar kmieni fil-laqgħa s-Sindku ta' rendikont tar-rapport amministrattiv li fih jinkludi l-attendenza tal-Kunsilliera għal-laqgħat tal-Kunsill fejn il-maġġoranza kienu dejjem preżenti apparti meta jkunu skużati fuq mard jew xogħol. Ta rendikont ta' l-attivitajiet li saru matul Jannar – Diċembru 2011, kif ukoll ir-responsabiltajiet tiegħu u tal-Kunsilliera.

3.0 ***Rendikont Finanzjarju għas-sena li tintemm fil-31 ta' Diċembru 2011:***

Ir-rendikont finanzjarju ma ġiex spjegat minħabba li l-*Accountant* tal-Kunsill ma kienx preżenti.

Is-Sindku talab lir-residenti preżenti sabiex minn ikollu xi mistoqsija jkun jista` jibgħata lill-Kunsill u jingħata tweġiba.

4.0 ***Pjan ta' Attivita` għas-sena 2012:***

Is-Sindku beda biex jgħid illi meta fil-laqgħa annwali tas-sena l-oħra huwa kien semma fuq l-*embellishment* ta' Ġnien Sant'Anna sabiex jinbena bini amministrattiv ġdid tal-Kunsill,

kien hemm persuna li llum ma kienetx preżenti f'din il-laqgħa illi għamlet ħafna ħsara billi dawwar il-kliem u xandar informazzjoni li ma kienetx vera u għamel ħafna ħsara kemm lilu personali u anke lill-Kunsill kollu.

Is-Sindku nforma lir-residenti preżenti illi kif kien ġie mħabbar fil-laqgħa annwali tas-sena l-oħra, l-Kunsill ser jibda jimplimenta x-xogħol tal-proġett mill-iskema tal-ERDF - *Promoting Sustainable Tourism* li jammonta għal madwar €320,000.00 mill-PPCD bil-għan li jiżdied it-turiżmu f'Marsaskala..

Huwa kompla jgħid li dan ma kienx proġett faċli sabiex jiġi aġġudikat u nvolva diversi laqgħat b'ħafna siegħat sabiex jiġi evalwat bir-reqqa u bl-aktar responsabilita`. Huwa qal ukoll, illi l-Kunsill huwa marbut li jagħmel diversi attivitajiet għal ħames snin li ġejjin.

Is-Sindku qal ukoll illi l-proġett mill-iskema tal-Gal Xlokk bħala agri turiżmu għat-tibdil ta' Ġnien San Tumas *f'lesuire park* li ser ikun jikkonsisti *f'outdoor gym,* dan il-proġett intrebaħ u issa l-Kunsill ser jibda jaħdem sabiex jinħarġu t-*tenders* neċessarji.

Is-Sindku nforma lir-residenti illi t-tielet proġett li ser jiġi mplimentat din is-sena huwa bandli ġdid fi Pjazza Mifsud Bonnici u dan kien mirbuħ mill-fondi tal-UIF.

Residenti staqsew jekk dan il-bandli hux ser ikun mgħammar b'*CCTV cameras* u għaliex kien hemm daqshekk dewmien sabiex jibda l-proġett f'dan il-bandli.

Is-Sindku spjega illi f'Ottubru 2011 il-Kunsill approva offerent fuq rakkomandazzjoni tal-bord iżda żewġ offerenti li sottomettew l-offerta tagħhom minn fost diversi offerenti ma qablux mad-deċiżjoni tal-Kunsill fuq l-għażla tal-offerent magħżul u għaldaqstant ressqu l-appell tagħhom quddiem il-bord tal-appelli. Huwa kompla jispjega illi kieku ma kienx hemm appelli dan il-bandli kien ikun lest sa l-Għid, pero` minħabba dawn l-appelli dan il-proġett ġie pospost b'erba` xhur. Il-Kunsill rebaħ dawn iż-żewġ appelli u dan il-proġett huwa mistenni li jitlesta sa l-aħħar ta' Lulju 2012.

Is-Sindku qal li l-Kunsill applika għal-proġett ieħor tal-Gal Xlokk li huwa Miżura 125 u dan sabiex isiru toroq bl-asfalt fejn hemm l-għelieqi.

5.0 ***Ilmenti u Suġġerimenti:***

Is-Sindku stieden lir-residenti preżenti għall-laqgħa biex jagħmlu s-suġġerimenti u l-ilmenti tagħhom.

5.1 Is-Sindku nforma lir-residenti li kien hemm erba` okkażjonijiet fejn kien hemm irwejjaħ mir-riċiklaġġ u minħabba f'hekk il-Kunsill ħatar *Air Quality Specialist* sabiex jiġi mmoniterjat ir-riċiklaġġ.

5.2 Is-Sindku qal li wara diversi lmenti min-naħa tar-residenti sabiex jinbidlu l-bankijiet ta' madwar il-*promenade* intlaħaq ftehim mal-kumpanija *Green MT* liema kumpanija hija responsabbli milll-iskart riċiklat f'Marsaskala skond il-ftehim li kien ġie iffirmat fis-sena 2009. Il-flus pendenti li għandna nirċievu mingħand il-Green MT għas-snin 2009, 2010, 2011 minflokk ser jingħataw fi flus, intlaħaq ftehim sabiex wara li l-Kunsill għażel kuntrattur u l-istil tal-bank, ser jibdew jinbidlu l-bankijiet għas-spejjeż tal-istess kumpanija sabiex jiġu bilanċjati dawn il-kontijiet pendenti.

Is-Sindku kompla jgħid illi ndividwu jista` jixtri bank u titwaħħal plakka dedikata għal xi ħadd għażiż għalih.

Huwa żied jgħid li dawn il-bankijiet mhux ser jinbidlu f'daqqa minħabba li jiswew ħafna flus u l-bankijiet li ser jinqalgħu mhux ser jintremew iżda parti minnhom ser jitpoġġew ħdejn il-baħar.

5.3 Is-Sindku qal li minn Lulju li għadda meta l-Arriva bdew bis-servizz tagħhom il-Kunsill kien ġie kkritikat ħafna meta fil-fatt il-Kunsill ma kellux x'jaqsam, iżda saru diversi laqgħat mat-TM u l-Arriva sabiex jitjieb dan is-servizz. Is-Sindku rringrazzja lis-Sinjura Ursula Greenland u lis-Sur Joseph Pavia illi dawn dejjem ressqu l-ilmenti tar-residenti l-oħra. Huwa żied jgħid illi mis-27 ta' Mejju 2012 dan is-servizz ser jinbidel sabiex jitjieb is-servizz għas-residenti Skalin.

5.4 Is-Sinjura Angela Borg staqsiet għaliex Triq il-Buttuniera ma tkomplietx mentri Triq il-Gandoffli għax kienu ġabuha fil-media tlestiet.

Is-Sindku wieġeb illi dak ma kienx l-istess kuntrattur u peress li kien hemm allegazzjonijiet ta' korruzzjoni, allura it-TM waqfet ix-xogħolijiet. Huwa kompla jgħid illi t-TM ħarġet sejħa għall-offerti sabiex jintagħżel kuntrattur ġdid ħalli titkompla din it-triq.

5.5 Is-Sinjura Miriam Pavia staqsiet għaliex fi Triq il-Qaliet ma sarux partijiet bil-*patching* u tħallew biċċiet bil-ħofor bejn *patching* u ieħor.

Is-Sindku spjega illi aħna lanqas dak il-*patching* ma konna obligati li nagħmlu peress li din it-triq hija responsabilita` tal-Gvern Ċentrali peress li l-ħsara f'din it-triq hija ta' iktar minn 75% u ilha li saret aktar minn 15-il sena. Huwa kompla jgħid illi aħna stajna ftaħna kawża kostituzzjonali jew inkella għamilna dak li stajna billi nagħmlu *major patching* u fil-fatt il-Kunsill iddeċieda illi r-residenti ta' Marsaskala ma setgħux ikomplu jkissru l-karozzi u allura għamilna l-iktar partijiet li kienu gravi. Huwa kompla jispjega illi l-peress li l-bini tal-Kunsill il-ġdid ma nbeniex, allura ttieħdu parti mill-flus li kienu allokati għal dan il-bini u kull sena ser jerġgħu jiġu rimborsati lura parti mill-flus sakemm jiġu rimborsati kollha.

Huwa żied jgħid li għad fadal żewġ partijiet xi jsiru, waħda quddiem l-Ispiżerija San Tumas u din ma tkomplietx minħabba li l-Kuntrattur kien marbut fuq biċċa xogħol oħra u kellu jitlaq u l-parti l-oħra hija quddiem il-villel u din ma saritx għaliex l-Enemalta kellha tagħmel xi trinka u allura kienet ser terġa tinqala.

Is-Sindku qal illi għalkemm dan il-*patching* sar min-naħa tal-Kunsill aħna xorta ser nitolbu lit-TM sabiex jiġu rimborsati dawn l-ispejjeż.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ħareġ mill-laqgħa fid-20.55p.m***

5.6 Is-Sur Michael Delia staqsa meta se ssir il-parti li fadal ta' Triq La Sengle.

Is-Sindku wieġbu illi sabiex jinbidlu s-servizzi tal-ilma jinvolvu spiża w allura l-Kunsill għandu l-ħsieb illi din it-triq isirilha *patching* estensiv pero` ma jinbidlux is-servizzi tal-ilma.

5.7 Is-Sinjura Ursula Greenland irringrazzjat lill-Kunsill fuq is-servizz tal-Arriva u qalet li peress Triq il-Grigal ser tkun l-unika triq li hija *two way*, diġa ħafna trakkijiet jgħaddu minnha u qed ikissruha kollha.

Is-Sindku wieġibha illi ħa nitolbu lit-TM sabiex jitwaħħlu tabella għal *No Access to Heavy Vehicles* fi Triq il-Grigal.

Is-Sinjura Ursula Greenland ilmentat ukoll illi hemm ħofra fi Triq il-Katakombi ma' Triq il-Grigal u anke t-tarmak madwar il-*manholes* inqala. Hija kompliet tgħid illi hemm biċċiet tal-bankina fi Triq il-Qaliet li qegħdin fi stat ħażin.

- ***Il-Laqgħa ntemmet fid-9.00p.m***

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku